## CONFIDE FILI

*Habbejtek, ġrejt warajk*
*U meta ċħadtni*
*Ma ridtx nieħdok fi kliemek*
*Ma qtajtx qalbi*
*Li tarġa' lura għandi u li tibki*
*Warranik.*

*Hawn ersaq ħdejja sew, la tolfoqx aktar.*
*Kollox qisu ma kienx;*
*Tħammarx għajnejk,*
*Jien nifhem l'int għajjien, sogħbien, imdiehex*
*Qisek ma tafx jekk hemmx*
*Għalik triq it-tiswija.*

*La tibża' xejn,*
*Jekk qabel Jien ħabbejtek*
*Issa li int fi ħdani*
*U qalbek f'tiegħi*
*Issa wisq egħżeż ngħoddok*
*Għax iktar qawwi ħabbtet*
*Għalik*
*Din Qalbi.*

7.2.64

BR. BERNARD MALLIA S.J.

## ~~SEHER~~

~~*Bil-lejl,*~~
~~*fi skiet il-baħħ wid-dlam,*~~
~~*fil-ħemda ta' kull ħaġa,*~~
~~*inħobb ta' dan is-seħer*~~
~~*tal-ħlejjaq*~~
~~*immis b'idi fil-qalb . . .*~~
~~*Nisma minn qiegħ il-masġar*~~
~~*tal-weraq it-treddin,*~~
~~*nisma' għasfur ipespes*~~
~~*f'ħolma ta' biża' w waħx,*~~
~~*iwieġeb*~~
~~*leħen ta' srasar*~~
~~*ma' ħsejjes ta' tgerrim . . .*~~
~~*Jiddi musbieħ il-lejl,*~~
~~*kewkba mitlufa ċkejkna*~~
~~*tnemnem beżgħana*~~
~~*fuq werqa*~~
~~*rieqda ma' l-art . . .*~~
~~*Jimbet minn għar*~~
~~*gelgul ta' ilma safi*~~
~~*jitgerbeb,*~~
~~*jintilef,*~~
~~*bejn siġar,*~~
~~*bejn blat,*~~